MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 06/2024-9**

**Il-Ġimgħa, 18 t'Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

06.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 05/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

06.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

06.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 05/2024-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

06.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill reġa' bgħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward il-ħlas tal-kont tal-BOQ li kienet tħejjiet mill-Perit tal-Kunsill fuq il-bini mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar, Triq il-Munġbell u Triq ir-Rabat. Il-Kunsill għadu bla risposta.

06.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li hu flimkien mal-Kunsillier Nicky Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa u Anzjanita Attiva rigward ftuħ ta' berġa u servizz ta' tabib f'Marsalforn. Qal li minn din il-laqgħa ħareġ illi jekk il-Kunsill isib post *ground floor* għal kiri dan jitħallas mill-istess Ministeru. Il-membri qablu illi toħroġ espressjoni ta' nteress għal pubbliku f'dan ir-rigward.

06.3.3 Rigward in-Natale Sul Colle, is-Sindku propona li jsir xi ħaġa simili tas-sena l-oħra. Il-Viċi Sindku, Daniel Cordina propona u l-membri

qablu sabiex din is-sena jitqassmu r-rigali minn Father Christmas u l-Kunsill jiċċekja hemmx xi għaqda mir-raħal li tixtieq tidħol għat-tqassim tar-rigali għax milli jidher tal-futbol mhumiex interessati.

06.3.4 Informa lill-membri li l-kuntratt ta' l-Animal Steward ser jiskadi u skont direzzjoni mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali dan ser jerġa jiġi estiż u ffirmat għal sitt xhur oħra.

06.3.5 Propona u l-membri qablu sabiex tiġi nstallata CCTV camera mal-garaxx tal-Virtut. Għandha tinġabar kwotazzjoni.

06.3.6 Is-Sindku Baskal Saliba nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Cultural Heritage Directorate rigward il-Karnival fejn il-Kunsill intalab jibdel id-data. Il-membri ma qablux li għandhom iħallu lil CHD taddetta il-ġurnata li fiha jiġi organizzat il-Karnival sakemm ma jkunux ser jiffinanzjawh b'iktar minn €500.

06.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri li l-kuntratt bejn il-Maltapost u l-Kunsill ġie ffirmat. Il-ħaddiema A. Portelli ser tkun qed tagħmel it-training meħtieġ sabiex jibda' jiġi offrut dan is-servizz. Propona u l-membri qablu sabiex jinxtara *safe* minħabba l-flus.

06.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li fil-garaxx tal-Virtut hemm fanali li kienu nqalgħu mill-front ta' Marsalforn u propona sabiex dawn jitwaħħlu fil-Wied ta' Marsalforn. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ġibdet l-attenzjoni li t-triq ta' mal-wied mhix tal-Kunsill iżda tal-gvern ċentrali.

*Il-laqgħa ġiet sospiża fil-4.36pm u reġgħet inbdiet fil-4.39pm.*

Il-membri qablu li għandu jiġi nfurmat il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar qabel ma jingħata bidu għal dan ix-xogħol.

06.3.9 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jitwaħħal dawl fil-playing field tal-Virtut u mal-ħajt ta' l-iskola għaż-Żebbuġ Playing Field.

06.3.10 Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikkontrolla l-karrijiet u d-dgħajes mitluqa li hemm fil-Menqa u jitħallew biss dawk tal-MFA,

MFB u l-MFC. Wara diskussjoni l-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Fisheries f'dan ir-rigward.

06.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn li jinxtara xi equipment għall-uffiċċju kif ukoll xkaffar għal istores. Il-membri qablu.

06.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi l-Kunsill ma rċieva ebda risposta mill-Ministru ta' l-Artijiet fuq il-Batterija tal-Qbajjar u għalhekk reġa kien hemm laqgħa ma Dr Chris Said. Dan infurmhom li jidher illi l-Batterija la ser tkun qed tingħata lil Din l-Art Ħelwa u lanqas lil Kunsill. Il-Viċi Sindku sostna illi l-Kusnill għandu jibqa' jiġġieled għal l-uniku wirt storiku li jinsab fil-lokalita'. Is-Sindku propona illi l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija għal istampa li l-Kunsill qed jipprova jieħu f'idejh flimkien ma Din l-Art Ħelwa din il-Batterija. Il-membri kollha ddikjaraw illi huma lkoll favur li l-Batterija tiġi salvata u taqa' f'idejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa. Il-membri qablu li qabel ma tiġi ppublikata xi stqarrija għandha qabel tiġi approvata mill-istess membri.

## 06.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

06.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

06.4.1.1 Informa lill-membri li għandu talba mingħand Paul Galea sabiex jingħata l-patching bil-*cold asphalt* fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

06.4.1.2 Talab sabiex il-water culvert li hemm fit-tarf ta' Triq Barda titwessa minn naħħa sa oħra tat-triq. Il-membri qablu li għandha ssir talba mal-WSC.

06.4.1.3 Talab sabiex jingħataw 10 vieġi ġebel lil Joe Bajada sabiex jibni ħajt tat-triq f'Tal-Ħamra. Il-membri talbuh sabiex jissottometti r-ritratti sabiex ikunu jistgħu jsiru l-verifikazzjonijiet meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri sabiex ikunu kawti fl-infieq tal-fondi pubbliċi. Il-Viċi Sindku talab sabiex din it-talba tiġi sospiża sa meta l-Kunsill ikollu l-finanzi meħtieġa.

06.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

06.4.2.1 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira lil Kuntrattur tad-dawl biex issa li għadda s-Sajf ikompli jwaħħal il-fanali ta' fuq il-Belvedere ta' Triq Santa Marija sabiex il-proġett ikun jista' jingħalaq.

06.4.2.2 Talbet sabiex l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni ma l-Arċipriet sabiex tiġi organizzata s-sekonda festa ta' San Fortunato. Kompliet tgħid li l-ispiża ma għandhiex tkun ta' iktar minn €500. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għal darb'oħra ġibdet l-attenzjoni fuq l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

*Il-laqgħa ġiet sospiża fil4.50pm. Reġgħet bdiet fil-5pm.*

Il-membri qablu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni għall-organizzazzjoni ta' din il-festa u l-ispiża m'għandhiex taqbeż il-€500.

06.4.2.3 Ġibdet l-attenzjoni li s-siġar taż-Żebbuġ fi triq prinċipali taż-Żebbuġ għandhom bżonn li jinżabru minn isfel. Il-membri qablu.

06.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

06.4.3.1 Talab sabiex jinxtegħel it-taraġ li minn fejn l-Għassa ta' Marsalforn jagħti għal Knisja. Il-membri qablu li għandha ssir talba lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

06.4.3.2 Talab sabiex jintbgħat ħaddiem inaddaf it-tappiera fi Triq il-Wied fejn l-ispiżjar. Il-membri qablu.

06.4.3.3 Talab sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq il-Wied. Il-membri qablu.

06.4.3.4 Propona sabiex fejn il-Knisja ta' Marsalforn jiżdiedu l-parkeġġi. Is-Sindku propona sabiex issir talba lil TM biex jitneħħa l-yellow line ta' fejn kien hemm il-kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' u b'hekk ikun qed jiżdied parkeġġ ieħor. Il-membri qablu.

06.4.3.5 Propona sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa tal-bankini li hemm fl-ewwel parti ta' Triq il-Qbajjar qrib il-Lantern Restaurant. Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet.

06.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

06.4.4.1 Talab sabiex issir talba biex titranġa l-parti li niżlet ta' Triq l-Imgħallem. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works. Il-Viċi Sindku talab sabiex issir tfakkira rigward il-crash barriers li kellhom jeħlu. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini talbet sabiex il-Kunsill jagħmel talba għal aktar ħaddiema tas-CWS. Is-Sindku nfurmha illi diġa saret talba f'dan ir-rigward u għandhom jibgħatulna aktar ħaddiema meta jiġu ngaġġati ħaddiema ġodda.

06.4.4.2 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix minn Triq ta' Ċenċ. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-Għaqda tan-Nar Marija Assunta.

06.4.4.3 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil TM għal un/loading bay li ntalbet sabiex issir fejn Ekxa Kiosk f'Marsalforn.

## 06.5 Materji Oħra

06.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li qed issir talba mill-istaff amministrattiv tal-Kunsill sabiex jiġu akkumulati siegħat ta' vacation leave għas-sena d-dieħla.
Odette Camilleri – 96.25 siegħa
Liliana Zammit Borg – 46 siegħa
Justine Sultana – 48 siegħa
Riona Attard – 47.5 siegħa
Frances Cefai – 45.5 siegħa
Donna Louise Azzopardi – 43.75siegħa
Il-membri qablu li dan il-leave jiġi akkumulat għas-sena 2025.

06.5.2 Talba mingħand Nicolina Ismeria Vella għal personalized disabled parking bay fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li ssir talba ma' TM.

06.5.3 Talba mingħand Christian Grech għal personalized disabled parking bay fi Triq is-Sajjied. Il-membri qablu li ssir talba ma' TM.

06.5.4 Kwotazzjoni miġbura mingħand D Street Lighting għat-tiżjin tal-Milied f'Marsalforn. It-temporary meters jammontaw għal €360 waqt li t-tiżjin jammonta għal €4537.10 VAT inkluż. Il-membri qablu.

06.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni rigward kont mibgħut mingħand EU Municipals tas-swimming zone li saret fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' dan il-kuntrattur li l-bogi kienu marbuta' ma biċċa bricks u mhux ma rmiġġ u li kienu qed jiċċaqalqu bil-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur bgħat il-kont u għalhekk talbitu sabiex jirritorna lura l-ħabel li jimmarka s-swimming zone lura biex ikun jista' jitħallas. Dan infurmha illi dak huwa biss kont għal użu tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi bħal deskrizzjoni fuq il-fattura hemm miktub *Supply, delivery, installation and maintence and removal of swimmer zone* u fl-ebda ħin ma ta indikazzjoni li dan mhux qed jinxtara. Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat mal-kwotazzjoni mibgħuta mill-Kuntrattur u fil-każ jittieħed parir legali. In oltre' qablu li wara li nġabb il-permess għal din l-iswimming zone, il-Kunsill jara kif ikollu l-bagi permanenti f'idejh.

06.5.6 Korrispondenza mill-Iskola Primarja sabiex il-Kunsill jorganizza attivitajiet għal istudenti. Il-Borża ta' San Martin fil-11 ta' Novembru, il-Christmas Film fic-Cittadella bit-trasport fis-16 ta' Diċembru, viżita fil-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn fi Frar 2025 u attivita' ta' l-aħħar tas-sena skolastika fis-27 ta' Ġunju 2025. Il-membri qablu.

06.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri illi l-kuntratt għal services and upkeep of Żebbuġ Playing Field, Qbajjar Promenade and Ġnien Serħan is-Sagħtrija ser jiskadi fi Frar 2025. Il-membri qablu li dan ma jerġax jiġi mġedded.

06.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ġie mogħti il-kurduna u l-madum mill-MGP sabiex ikun jista' jingħata bidu għax-xogħol taz-zebra crossing fi Triq ir-Rabat. Kompliet tgħid li ser jiġu nstallati l-arbli għal pelican light.

06.5.9 Ilment M13/24 – Joe Zammit talab sabiex jinżebgħu double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx li jinsab fi Triq Lifurna. Il-membri qablu.

06.5.10 Ilment Z17/24 – Loretu Portelli ta' Triq Għajn Mhelhel talab sabiex jinzebgħu double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu. Il-membri qablu li sabiex tkun tista' ssir din it-talba ma TM irid qabel jinġab il-permess ta' sid il-proprjeta' fejn iridu jiġu miżbugħa l-linji sofor.

06.5.11 Ilment Z15/24 – Carmel Teuma li għandu r-raba' fi Triq Sagħtrija u jrid rampa l-ġewwa mill-ħajt għal għalqa tiegħu u jitwessa l-aċċess għal ġo l-għalqa biex ikun jista' jgħaddi bit-tractor. Il-membri ma qablux li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kunsill peress li dan huwa xogħol fil-privat.

06.5.12 Ilment Z16/24 – Anthony Zahra propona sabiex issir tabella tal-*give way* fuq ir-riħ tal-latrina tax-Xwejni fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu mal-proposta u qablu wkoll li ssir tabella tal-give way oħra aktar il-fuq.

06.5.13 Ilment M12/94 – George Grech qed jitlob sabiex isiru bollards qabel tinżel it-taraġ li hemm fit-tarf ta' Triq Barda għax perikolu għal min ma jkunx jaf li din it-triq ma tinfidx. Il-membri qablu li titwaħħal bollard tal-plastic.

06.5.14 Ilment Z18/24 – Grace Vella ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri talbet sabiex titranġa l-katusa li tilqa' l-ilma tat-triq quddiem il-garaxx tagħha. Il-membri qablu li jinġabru 3 kwotazzjonijiet.

06.5.15 Talba mingħand Helen Agius li toqgħod fil-kantuniera ta' Triq is-Sagħtrija sabiex issir ħadida mal-kurduna tal-bankina għax qed ikissruha. Il-membri qablu li minflok ħadida jsir lasktu sabiex jipproteġi l-bankina.

06.5.16 Il-Perit tal-Kunsill ħejja pjanta għal klinika u uffiċċju biswit il-latrina li tinsab fil-parkeġġ ta' Marsalforn. L-ispiża mistenniha tilħaq il-€71,281.03 VAT eskluż. Il-membri qablu sabiex issir talba għal permess għad-devoluzzjoni tas-sit mad-Dipartiment għal Gvern Lokali u wara ssir talba ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

06.5.17 Inġabret kwotazzjoni mill-Enemalta għal xiri ta' 3 arbli *second hand* għal bandiera fi Triq l-Imgħallem. Kull arblu jiswa €80 u għaldaqstant kien hemm qbil illi jinxtraw.

06.5.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi ser ikunu qed jinħarġu dawn l-offerti u għalhekk hemm bżonn li jiġu maħtura l-membri tal-bord ta' l-evalwazzjoni.

- Kisi bit-tarmac/konkos tal-Cul de Sac ta' Triq il-Ponta – Chairman - William Sultana, membri - Loretta Cauchi, Perit Paul Dimech u Daniel Galea waqt li Segretarju tal-Bord Odette Camilleri.

- East End Playing Field fil-Qbajjar Promenade – Chairman - William Sultana, membri - Loretta Cauchi, Perit Paul Dimech u Daniel Galea waqt li Segretarju tal-Bord Odette Camilleri.

- Picnic Area fil-Qbajjar Promenade – Chairman – William Sultana, membri – Loretta Cauchi, Perit Paul Dimech u Daniel Galea waqt li Segretarju tal-Bord Odette Camilleri.

06.5.19 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li hemm bżonn titranġa l-bankina li tinsab faċċata tal-Kunsill fejn hemm il-bank. Il-membri qablu li din tiġi rranġata u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

06.5.20 Talba sabiex jitnaddaf ma' ġenb ħajt fi Triq iċ-Ċnus faċċata ta' blokk flats li nbnew riċenti. Il-membri qablu li dan jiġi mnaddaf mal-linja tat-triq.

06.5.21 Korrispondenza mid-DLG għal Town Twinning ma Taiyuan City fil-provinċja ta' Shanxi fiċ-China. Il-kontenut ġie nnotat.

06.5.22 Talba mingħand Sandra Mercieca sabiex jerġa jinbena l-ħajt tat-triq li waqa' fil-għalqa tagħhom fl-inħawi tad-Dabrani. Din it-talba ġiet approvata mill-membri pero' minħabba l-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill dan ix-xogħol mhux ser isir għalissa għaldaqstant kien hemm qbil li sadanittant ssir talba mal-Gozo LC Works.

06.5.23 Talba mingħand Michelle Oltromani sabiex tibda tagħmel 45 minuta fil-ġimgħa kors tat-teknolġija lil anzjani tal-lokalita' biex jitgħallmu jħaddmu Whatsapp, Instagram, Facebook u Chat GPT. Din infurmat lil Kunsill li lesta tagħmilhom bla ħlas. Il-membri qablu li jinstab post fiż-Żebbuġ u Marsalforn sabiex jiġu offruti dawn il-korsijiet.

## 06.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2024 għall-perjodu t'Ottubru 2024 li tammonta għal €71,962.05 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 25 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina talab is-sospensjoni tal-pagament bin-numru 24 fuq l-iskeda ta' pagamenti sabiex qabel ma jiġi rrilaxxat ic-cheque jsiru l-verifiki meħtieġa.

## 06.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv